


# IL-MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA
## (It-tielet parti)

*F'din il-ħarġa ser i nżuru l-parti ta' fuq tal-Mużew tal-Arkeoloġija,u biex inkompli bil-kronoloġija li qbadna biha mill-bidu tal-mawra tagħna, nissuġġerixxi li, bla ma nħarsu lejn l-oġġetti li jinsabu esebiti matul it-taraġ - dawn niġu għalihom x'ħin ikun il-waqt -, nibqgħu telgħin dritt u nidħlu fis-sala li tidħol għaliha mill-bieb li jinsab fin-nofs tal-indana ta' fuq.*

**Żmien il-Feniċi, il-Kartaġiniżi u r-Rumani**

Mela f'din is-sala ser naraw għall-wiri, oġġetti li huma ta' żmien il-Feniċi, il-Kartaġiniżi (żmien Puniku) u r-Rumani. Hekk hu li fl-ewwel żewġ vetrini (wieħed għandu jibda minn fuq ix-xellug tiegħu) insibu fuħħar misjub f'qabar imħaffer fil-blat f'Wied il-Għasri. Il-qabar kien użat mit-tieni seklu qabel Kristu sa l-ewwel seklu wara Kristu. Għandna nkunu nafu li fi żmien Puniku kien hemm it-twemmin li l-mejjet kien ikollu bżonn tal-ikel għall-vjaġġ twil lejn l-eternità, għalhekk kienu jfornuh bi kwalitajiet ta' ikel u xorb li kien ikun preservat f'dan il-fuħħar. Is-sejba u l-iskavi saru f'April tal-1979.

Bejn dawn iż-żewġ vetrini nsibu mwaħħla fuq il-ħajt iskrizzjoni dedikatorja bil-Latin tat-tieni seklu w.K. Il-post fejn instabet mhux magħruf, imma hija ta' improtanza kbira għall-fatt li turi li Għawdex kien muniċipju u b'liema mod kien amministrat. Għalhekk ser nagħti t-traduzzjoni ta' l-iskrizzjoni:

> *....Postimus,quinquevir (1) patrun tal-Muniċipju (2) (u) saċerdot għal għomru (għall-kult) tad-divin Hadrianus (3), magħżul minn fost ħames imħallfin (u) maħtur wieħed minn erba' mit... mid-divin Antonius Pius Augustus (4). Billi kien okkupa bl-unur kull inkarigu pubbliku fil-belt tiegħu, kif ukoll kien għamel servizz bla ħlas bħala legat (ambaxxatur) quddiem id-divin Hadrianus u quddiem il-wisq stmat Ordni tal...il-poplu t'Għawdex (waqqaf din l-iskrizzjoni) permezz ta' ġabra pubblika għall-ħafna merti tiegħu. B'digriet tad-dekurjuni (5).*

1. Wieħed minn kummissjoni ta' ħames uffiċċjali pubbliċi.
2. Belt ħielsa li l-abitanti tagħha kellhom iċ-ċittadinanza Rumana, iżda kienu ggvernati minn deputati u liġijiet tagħhom stess.
3. Imperatur Ruman (117 - 138 q.K).
4. Imperatur Ruman (138 - 161 q.K).
5. Rappreżentanti tal-Muniċipju (deputati).

Fl-art taħt din l-iskrizzjoni hemm biċċa minn kolonna tal-irħam x'aktarx mit-tempju ta' Ġuno li, kif konna semmejna, kien fil-post fejn tinsab il-knisja katidrali ta' Għawdex. Fuq ix-xellug tat-tieni vetrina hemm biċċa minn magħsar taż-żebbuġ imsejjaħ *trapetum* mir-rumani. Dan kien jaħdem billi żewġ roti, forma nofs tond, tal-ġebel tal-qawwi, marbutin ma' xulxin b'seratizz, kienu jiddawru fuq fus tal-ħadid ingastati ġo mejjilla tal-ġebel tal-qawwi wkoll. Fuq in-naħa l-oħra tal-vetrina naraw megħries kbir tal-ġebel tal qawwi li kien jintuża fix-xogħol tal-għasir taż-żebbuġ. Matul is-sala (barra mill-vetrini) hemm għall-wiri diversi ġarar (*amphorae*) minn oqbra ta' żmien Puniku.

Fit-tielet vetrina nsibu kollezzjoni ta' fuħħar ta' diversi tipi u għamliet ta' żmien Puniku - Ellenistiku (Grieg) tas-sekli 3 - 1 q.K. Mhux magħruf il-post fejn instabu.

Fil-vetrina li jmiss, ir-raba' waħda, wieħed jinnota kollezzjoni ta' frammenti ta' skeletri u fuħħar misjubin f'qabar ta' żmien Puniku-Ellenistiku, f'Wied is-Simar fin-Nadur, li kien imħaffer fil-blat. Fl-istess vetrina nibdew naraw l-ewwel tip ta' imsiebaħ li għandhom żewġ għafsiet fejn titqiegħed il-ftila u kienu jinxtelgħu bix-xaħam ta' l-annimali. Dawn l-imsiebaħ dehru qabel dawk li kienu jinxtegħlu biż-żejt. Naraw ukoll fuħħar ieħor tar-4 u t-3 seklu q.K. li ġie misjub ħdejn l-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Difna nteressanti tinsab fl-istess vetrina fuq l-ixkaffa t'isfel. Hawnhekk naraw difna f'ġarra maqsuma fi tnejn li nstabet fil-Qala ta' Santa Marija f'Kemmuna. Din hija ta' żmien ir-Rumani madwar it-3 u l-5 seklu w.K.



**Urna tal-ħġieġ li fiha nstabu l-fdalijiet ta' kadavru li ġie maħruq (kremazzjoni). Din instabet f'qabar fi Triq Vajrinġa, ir-Rabat, Għawdex.**

Fil-ħames vetrina naraw fdalijiet tal-fuħħar u madum żgħir għaċ-ċangar ta' l-art mill-Villa Rumana li tinsab fir-Ramla l-Hamra u li kienet ġiet skavata bejn l-1910 u l 1911. Mix-Xewkija nsibu appoġġ tal-fuħħar imżejjen b'faxxa fi stil doriku ta' madwar it-tielet seklu qabel Kristu, kif ukoll bieqja tat-"terra sigillata" bil-boll tal-fuħħari HERM ġewwa disinn ta' pala ta' sieq. Insibu wkoll urni funerarji bi fdalijiet maħruqa tal-mejtin minn qabar Puniku-Ellenistiku (ta' madwar it-2 u l-1 seklu q.K.) misjub f'ta' Daxxa fl-Għasri.

Inkomplu l-mawra tagħna f'din is-sala u fil-ħoġor tat-tieqa li tinsab ftit 'l hemm mill-aħħar vetrina li rajna, hemm megħries maħdum fl-alabastru li kienu jintgħasru fih il-ħxejjex mediċinali.

Fil-vetrina li jmiss naraw kollezzjoni ta' oġġetti varji ta' żmien ir-Rumani. Fl-ixkaffa ta' fuq insibu ras femminili tat-terrakotta li probabbli tirrappreżenta lill-alla mara Astarte-Tanit (2-1 seklu q.K.) misjuba ġo latnija f'Tar-Rokon limiti ta' San Lawrenz; *oscillum* maħdum fl-irħam li kien jintuża bħala ornament li kien jiddendel mill-arkitravu bejn il-kolonni ta' peristilju ta' żmien Ruma Imperjali (1 seklu w.K.); ras ta' żagħżugħ tal irħam u partijiet oħra ta' statwetti ta' żmien Ruma Imperjali (1 seklu w.K.); ras tat-terrakotta ta' żmien Puniku misjuba f'Santa Verna tat-3 seklu q.K. . Fl-ixkaffa tan-nofs naraw parti minn buqar tal-fuħħar misjub San Lawrenz. Fin-nofs ta' din l-ixkaffa hemm esebita ġarra tal-ħġieġ, unika, bil-fdalijiet maħruqa ta' mejjet ta' żmien Ruma Imperjali; din instabet fl-1800, f'qabar fi Triq il-Vajrinġa fir-Rabat, Għawdex flimkien ma' frammenti ta' reċipjenti tal-ħġieġ. Fl-ixkaffa t'isfel naraw imsiebaħ tal-fuħħar li kienu jintużaw mit-tielet sat-tmien seklu wara Kristu: dawn instabu fil-Wardija 'l ġewwa minn Santa Luċija; kif ukoll urna tal-ġebel għal fdalijiet maħruqa ta' mejjet ta' żmien Ruma Imperjali.

Il-vetrina numru sebgħa, li hija mdaħħla fil-ħajt, fiha bosta oġġetti prezzjużi. Żgur li xi wħud minn dawn l-oġġetti wieħed jixtieq li kienu tiegħu persunali, iżda bħal kull oġġett ta' valur, dan jiġi aktar apprezzat meta qiegħed għall-wiri għal kulħadd milli jkun f'xi kexxun ta' biċċa għamara f'xi rokna ta' xi kamra mudlama. Hekk hu li hawn naraw ġojjelli tar-ram misjuba fl-1926 f'oqbra Puniċi, fin-Nadur; muniti Rumani tat-tielet seklu w.K., misjuba fl-1937, ħdejn il-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat; siġill Biżantin taċ-ċomb b'isem l-Arkonte (uffiċċjal għoli) THEOPHYLAKTO ta' madwar 750-850 w.K.; muniti tal-bronż bil-kitba GAULITION (t'Għawdex) stampati f'Għawdex fit-tieni jew l-ewwel

seklu q.K.; boll tal-fuħħar bl-isem Claudius Valerius, ta' żmien Ruma Imperjali. Bolli ta' din ix-xorta (*signacula*) kienu użati ħafna bħala marka tal-manifattura għall- pubbliċita'. Insibu ġojjelli tal-fidda, brazzuletti, ċrieket, imsielet, frammenti minn kunjett tal-ħġieġ kulurit għal fwieħa u żewġ nejbiet tal-majjal; dawn instabu f'qabarPuniku ta-ħames seklu q.K. fir-Rabat. Minn tal-Ħorob, fix-Xewkija, insibu amuletti, oġġetti tal-ħġieġ u palmetta stilizzata. L-amuletti jirrapreżentaw allat u simboli eġizzjani sagri, dawn huma ta' żmien Puniku. Fin-nofs tal-vetrina wieħed jara dik l-iskrizzjoni Punika kommemorattiva mnaqqxa fuq irħama u li għandha l-parti tax-xellug nieqsa (ara l-ħarġiet ta' Frar u Marzu taħt "Il Feniċi"). Din l-iskrizzjoni tmur lura għas-seklu tnejn q.K., u nstabet lejn 1855, imma l-post mhux magħruf. Mal-kollezzjoni nsibu ħoloq għax-xagħar u ċurkett tar-ram, żibeġ, amulet f'għamla ta' ibis (tajra sagra għad-divinità eġizzjana Toth) misjuba f'qabar Puniku ta' l-Ibraġġ, Għawdex. Minn oqbra Puniċi misjuba fil-limiti tar-Rabat, Għawdex, ħarġu ċrieket, ħoloq għax-xagħar u msielet tar-ram, żibeġ u medaljun tal-fidda.

Hekk naslu għall-aħħar vetrina ta' din is-sala, li fiha naraw urni tal-fuħħar għall- fdalijiet maħruqa tal-mejtin ta' żmien Ruma Imperjali u li ħarġu minn oqbra misjuba f'Misraħ San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex fis-snin 1892 u 1893.



**Munita li nstabet ħdejn il-fdalijiet tal-Villa Rumana, li tinsab fir-Ramla l-Ħamra. Il-munita turi r-ras tal-Imperatur Augustus, għandha diametru ta' madwar ċentimetru u hija tal-bronż. Fir-ritratt ġiet imkabbra. Din il-munita ma tinsabx fil-Mużew tal-Arkeoloġija, iżda f'kollezzjoni privata, u qedtiġi murija għall-ewwel darba.**